MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 722/2014

**WESTERN UNION BUSINESS SOLUTIONS (MALTA) LIMITED (C-22339)**

vs

**INTERWEB LIMITED (C-44642)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-14 ta’ Awwissu, 2014, li bih u għar-raġunijiet imsemmija s-soċjeta rikorrenti talbet li din il-Qorti (a) issib li l-kumpannija mħarrka għandha tħallasha s-somma ta’ tnejn u sittin elf, tliet mija u tmintax-il Euro u tlieta u erbgħin ċenteżmi (€62,318.43), li tirrappreżenta l-import ta’ transazzjoni ta’ trasferiment ta’ flus li hija għamlet lil terzi fuq talba u għall-benefiċċju tal-istess kumpannija mħarrka; u (b) tikkundanna lill-istess kumpannija mħarrka tħallas l-imsemmija somma ta’ €62,318.43. Talbet ukoll l-ispejjez u l-imgħaxijiet legali b’seħħ mid-data ta’ kull waħda mill-fatturi relativi sal-jum tal-ħlas effettiv;

Rat illi r-rikors ġie debitament notifikat lis-soċjeta intimata bil-mezz maħsub fl-artiklu 187 (5) tal-Kap 12 u, minkejja dan, naqset li tippreżenta risposta fiż-żmien mogħti lilha mil-ligi u hekk baqgħet kontumaċi;

Semgħet id-dikjarazzjoni ta’ l-Avukat tas-soċjeta rikorrenti;

Eżaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors jirriżultaw pruvati.

Fil-kontumaċja tas-soċjeta intimata tiddeċiedi billi tilqa’ t-talbiet tas-soċjeta rikorrenti kif dedotti fir-Rikors Maħluf u:

1. **Issib** li l-kumpannija mħarrka għandha tħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta’ €62,318.43 għar-raġunijiet fuq imsemmija; u

2. **Tikkundanna** lill-istess kumpannija mħarrka tħallas lill-kumpannija attriċi dik is-somma ta’ €62,318.43.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------